# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 17**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 675/21 JVC**

**Aymen Abdal Hedi Mahouachi (K. I. 348702L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Aymen Abdal Hedi Mahouachi kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrenti twieldet fil-wiehed u ghoxrin ta’ Settembru, 2002 (21.09.2002) gewwa l-Pieta’ , Malta u gie msemmi Ayden Abdal Hedi Mahouachi; ( Dok A)

2. Illi skont kuntratt ta’ separazzjoni bejn Doreen Mahouachi ( llum il-gurnata Doreen Galea ) (KI125073M) u Faycal Mahouachi (ID369294M) datat 8 ta’ Awwissu, 2014 gie dikjarat fi klawzola ‘a’ tal-istess kuntratt personali illi l-omm u cioe’ Doreen Mahouachi nee Galea kellha wild iehor li jismu Aymen Mahouachi izda li mhuwiex wild ir-ragel Faycal mahouachi; ( Dok B)

3. Illi peress r-rikorrenti Aymen Abdal Hedi Mahouachi mhuwiex iben Faycal Mahoauchi skont l-istess dikjarazzjoni fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn ommu u Faycal Mahaouchi , r-rikorrenti jixtieq jassumi l-kunjom ta’ ommu u cioe’ Galea.

4. Illi peress illi r-rikorrenti huwa maghruf bhala Aymen biss tul dawn l-ahhar sittax-il sena, jixtieq illi jitnehhew mir-registru it-tieni u t-tielet ismijiet li huma imnizzlin fl-istess att ta’ twelid u jitnehhew l-ismijiet Abdel Hedi sabiex jigi maghruf biss bhala Aymen Galea;

5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti jixtieq jiprevalixxi ruhhu mid-disposizzjonijiet tal-Artiklu 253 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex l-kunjom tar-rikorrenti jigi rifless u konsegwentement rikonoxxut u rregistrat fir-|Registru Pubbliku, kif ukoll mall-Identity Malta u konsegwentement tali isem jigi registrat u rifless f’kull att iehor tal-hajja civili tal-istess rikorrenti;

6. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lir-rikorrenti personalment;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jiddikjara li kunjom ir-rikorrenti jinbidel ghal Galea ;

2. Jiddikjara li t-tieni isem Abdel u t-tielet isem Hedi jitnehhew ghal kollox mill-istess att ghaliex huwa maghruf biss bhala Aymen;

3. Jordna r-registrazzjoni u/jew l-korrezzjoni u/jew l-annotazzjoni necessarja fir-registru Pubbliku ta' Malta kif ukoll mall-Identity Malta u konsegwentement jinhariglu passaport Malti bl-isem Aymen Galea;

4. Jordna li t-tibdil fl-isem tar-rikorrenti jigi rifless fi kwalunkwe' att li ghalih tapplika gewwa Malta , fosthom il-Passaport Malti, il-Karta tal-Identita' Maltija, l-Isptar Mater Dei u Licenzja tas-Sewqan ;

5. Tordna li dan it-tibdil fl-isem tar-rikorrenti jigi rifless f'kull att tal-istat Civili relattiv tar-rikorrenti ikun 'Aymen Galea ' u mhux 'Aymen Abdel Hedi Mahouachi;
a

6. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex in segwitu, jeffettwa tali korrezzjoni u jottempora ruhu mad-disposizzjonijet tal-Artiklu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligiijiet ta' Malta.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi in vena preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jirrileva illi l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija waħda intempestiva, stante illi ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji disponsibbli. Għal kull buon fini, id-Direttur intimat jikkjarifika illi ai termini tal-artikolu 4(8) tal-Kodiċi Ċivili, ir-rikorrent jista' jissottometti l-formola TT, inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-istess Kodiċi, sabiex huwa jsir magħruf bil-kunjom Galea, li huwa kunjom ommu. Din il-formola tiswa ħames Euro (€5.00) u d-dikjarazzjoni magħmula permezz tagħha tkun irrevokabbli;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 3487/2002, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, jirriżulta illi huwa twieled f'Malta fil-21 ta' Settembru 2002, lil Faycal Mahouachi u lil Doreen Mahouachi née Galea *wife of the said Faycal Mahouachi*. Mill-istess Att tat-Twelid jirriżulta illi r-rikorrent ingħata l-ismijiet Aymen Abdal Hedi u li l-istess ismijiet huma l-ismijiet li għandu jkun imsejjaħ bihom;

**5.** Illi meta għamlet id-dikjarazzjoni tat-twelid tiegħu, ommu ddikjarat ukoll illi għalkemm mhix legalment separata minn żewġha Faycal, kien ilhom tliet snin u nofs ma jgħixu flimkien. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2;

**6.** Illi r-rikorrent jistrieħ fuq klawsola fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn Faycal Mahouachi u Doreen Mahouachi, ippubblikat fit-8 t'Awissu 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, u jgħid li la darba Faycal Mahouachi mhux missieru, huwa jixtieq li jassumi kunjom ommu, u cioe' Galea. Huwa jgħid ukoll illi jixtieq li jitneħħew mir-Reġistru t-tieni u t-tielet ismijiet tiegħu, stante illi ilu tmintax-il sena magħruf bħala Aymen;

**7.** Illi d-Direttur intimat jirrileva illi ma sar ebda żball u li ma kien hemm ebda nuqqas tiegħu fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-twelid tar-rikorrent, u dan huwa rikonoxxut mir-rikorrent innifsu;

**8.** Illi l-istess intimat jirrileva wkoll li bil-proċedura istanti, Faycal Mahouachi ser jibqa' indikat bħala l-missier fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent, u għalhekk fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent għandu jikkunsidra li jkunu istitwiti proċeduri ta' denegata paternità sabiex jintwera kif il-pussess ta' stat tiegħu ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tiegħu;

**9.** Illi bla ħsara għall-premess, u filwaqt li jżomm fermi l-eċċezzjonijiet preliminari mqajmin minnu, partikolarment l-eċċezzjoni dwar l-intempestività tal-kawża istanti, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni talba attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv

illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi, u jissottometti li kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tordna illi għandhom isiru xi korrezzjonijiet, dawn għandhom isiru permezz ta' annotazzjoni ai termini tal-artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili;

**10.** Illi fir-rigward tat-tielet u tar-rabà talba attriċi, id-Direttur intimat jissottometti illi huwa mhux responsabbli għall-ħruġ tal-passaport u ta' dokumenti oħrajn li jsemmi r-rikorrent, u li fi kwalunkwe każ, ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjonijiet jistgħu isiru biss f'atti tal-istat ċivili;

**11.** Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, dejjem ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna. L-artikolu 253(3) jistipola illi f'din it-talba ġudizzjarja għandhom jiġu indikati l-atti **bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom** (enfasi miżjuda). Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, sabiex f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrent, l-istess tibdil ikun possibbli. F'dan ir-rigward l-intimat jagħmel referenza għal digriet finali tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili datat 9 t'Awissu 2021, fl-atti tar-rikors numru 542/2021, fejn l-Imħallef Emeritus Dottor Joseph Galea Debono irrimarka illi "[...] ta' spiss qed issir talba f'dawn ir-rikorsi minn ċerti avukati biex il-korrezzjoni mitluba f'xi att partikolari tiġi ukoll riflessa fl-atti l-oħra kollha tal-istat ċivili ta' dak li jkun, meta fil-fatt jirriżulta li ma jkun hemm ebda att tal-istat ċivili

ieħor li għandu jiġi korrett. Dan jidher li hu dovut għall-prassi ta' "cut and paste" u qed jikkreja xogħol żejjed għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kif ukoll għal din il-Qorti [...].";

**12.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**13.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni li tinsab esebita a fol. 41 tal-process;

Rat il-bosta dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat fosthom kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-genituri tar-rikorrent u certifikat tat-twelid a fol. 11 tal-istess;

Rat ukoll in-noti u dokumenti esebiti sussegwentement mill-istess rikorrent li jevidenzjaw illi r-rikorrent ilu sa minn eta` zghira maghruf bl-isem biss ta' Aymen u mhux bl-isem ta' Aymen Abdal Hedi;

Rat ukoll li t-talba sabiex kunjom ir-rikorrent jigi korrett minn Mahouachi ghal kunjom Galea hija gjustifiata u dan stante li omm ir-rikorrent fil-fatt iggib il-kunjom Galea u mhux dak indikat;

Rat ukoll illi fil-kuntratt ta' separazzjoni pprezentat fl-atti gie ndikat li Aymen Abdal Hedi Mahouachi mhux il-wild naturali ta' Faycal Mahoauchi;=

Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati limitatament kif isegwi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, tiprovdi dwar it-talbiet rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li kunjom ir-rikorrent fic-certifikat tat-twelid li jgib l-att numru 3487/2002 ghandu jinbidel ghal kunjom Galea;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi t-tieni isem Abdel u t-tielet isem Hedi ndikati fuq l-istess certifikat tat-twelid ghandhom jitnehhew ghal kollox mill-istess att sabiex jigi korrett u jkun maghruf biss bl-isem ta' Aymen;

3. Tilqa' t-tielet talba limitatament u tordna r-registrazzjoni u/jew l-korrezzjoni u/jew l-annotazzjoni necessarja fir-Registru Pubbliku ta' Malta filwaqt li tichadha fil-bqija stante li mhux fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

4. Tichad ir-raba' talba stante illi d-dokumenti indikati m'humiex fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat ghalkemm it-tibdil ghandu jkun konsegwenzjali ghal din id-

decizjoni u korrezzjoni mid-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li dan it-tibdil fl-isem tar-rikorrent jigi rifless f'kull att tal-istat Civili relattiv tar-rikorrenti billi dan ikun jidher bhala 'Aymen Galea ' u mhux 'Aymen Abdel Hedi Mahouachi' u dan dejjem sakemm dawn id-dokumenti huma fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

6. Tilqa' s-sitt talba kif dedotta w'ghal dan il-ghan tordna notifikat ta' din id-decizjoni lill-istess Direttur ntimat fit-terminu mpost mil-ligi.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Settembru 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru 2021**